**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 30/14(25_03_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Marzu 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-18 ta' Marzu 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Sejħiet għall-offerti: MXR/003/2013 sa MXR/007/2013.
6. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand persuna li huwa Storiku u Riċerkatur għal esibizzjoni dwar il-belt Rumana 'Melite' (ir-Rabat u l-Imdina tal-lum) ta' 2000 sena ilu, li ser itella' f'Palazzo Castelletti, Ir-Rabat Malta mis-17 ta' Marzu sat-12 ta' Settembru 2014.

2.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ICOMOS – Malta Committee rigward l-*Annual General Meeting*, fis-26 ta' Marzu 2014, fir-Restoration Directorate, Floriana u l-*membership* f'din l-għaqda.

2.03 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 15/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Ġemellaġġi'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Għotja ta' darba għal vetturi reġistrati u liċenzjati għall-użu personali bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2008'.

2.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward diskussjoni bl-isem 'L-Ewropa xi tfisser għall-bdiewa u għar-raħħala? Kif jista' MEP jagħmel differenza?', fit-18 ta' Marzu 2014, fl-Istitut tal-Agribusiness tal-MCAST, Ħal Qormi. .

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Small Business and Crafts fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-'Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriżi 2014'.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. rigward il-'WasteServ - Free Battery Bin (Gozo)'. Huma qegħdin jipproponu li jagħtu lill-Kunsill dan il-*bin* sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jiddisponu mill-*batteries* użati fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u meta jimtela dan il-*bin,* il-Kunsill ibattlu fis-Civic Amenity Site, fix-Xewkija.

2.08 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 18/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Social Work Services to Older Persons (60-Plus) from Local Councils', fejn qed titwassal *e-mail* mingħand id-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunità dwar servizz ta' *social work* ma' persuni 'l fuq minn 60 sena.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mibgħuta mill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (l-OHSA) dwar is-*Seminars* għall-Kunsilli Lokali 'Overview of the Construction Regulations', fl-10 t'April u fit-30 ta' Mejju 2014.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Estenzjoni taż-żmien sakemm jistgħu jintbagħtu talbiet għal investigazzjoni dwar allegati inġustizzji lill-*Grievances Unit* (Memo 7/2014)'. Saret referenza għall-Memo 7/2014, iċ-Ċirkulari tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru Numru 4/2014 u ċ-Ċirkulari tal-UPM 7/2014.

2.11 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, l-Aġenda tal-Laqgħa għas-Sindki – 21 u 22 ta' Marzu 2014 u l-Minuti tal-aħħar Laqgħa (27 u 28 ta' Settembru 2013).

2.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward 'Strateġija Nazzjonali Dimensja – Seminar Pubbliku ta' Konsultazzjoni', fit-22 ta' Marzu 2014, fil-Grand Hotel Excelsior, Floriana.

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Road Seminar 2014', fit-8 ta' April 2014, fl-uffiċini tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, Il-Marsa.

2.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AGL Ċirk 21/2014 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-Ministeru għat-Turiżmu dwar is-*Seminar* 'Facilitating Tourism to the Mediterranean: The EU's Perspective', fil-11 ta' April 2014, fil-Lukanda Hilton, San Ġiljan.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward l-Iskema *A+ Accessibility Award* u l-laqgħa rigward din l-iskema, fis-26 ta' Marzu 2014, fil-Kunsill Lokali Mosta.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 8/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Protokoll tal-Bnadar fil-Festi Nazzjonali'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi Triq il-Munxar sabiex issirlu l-bankina quddiem il-proprjetà tiegħu. Kien hemm qbil dwar dan.

3.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Transport Malta dwar *reserve parking* fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar. Il-Kunsill ma huwiex se jibgħat ir-rapport għaliex jekk l-Awtorità ma tirċevix tweġiba sad-data stabbilita, l-Awtorità tassumi li l-Kunsill ma joġġezzjonax għal din l-applikazzjoni.

3.03 Il-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta li *reserved parking* għal Triq ir-Ranċiż quddiem Theuma Flats, Ix-Xlendi ġie approvat.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Mario Farrugia Borg, Kandidat għall-elezzjoni għall-Parlament Ewropew f'isem il-Partit Laburista. Huwa qed jitlob laqgħa sabiex jiġu diskussi temi li l-Kunsill jixtieq jaqsam miegħu.

3.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand The English Speaking Union of Malta – Gozo Branch. Permezz ta' din l-ittra l-Kumitat jixtieq jinforma lill-Kunsill dwar attivitajiet li diġà saru u l-pjanijiet u suġġerimenti għall-futur. Huma qed jipproponu l-i*story telling* fil-libreriji, każini jew kunsilli għax-xhur tas-sajf u għaldaqstant huma lesti li jiltaqgħu sabiex tiġi diskussa l-possibilità ta' kollaborazzjoni fil-futur.

3.06 Il-Kunsill irċieva mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar laqgħa mal-Kumitat Reġjonali u s-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Dr. Josè Herrera dwar ir-riforma tal-Gvern Lokali.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group Foundation fejn qed tħabbar il-varar ta' *call* sabiex isiru *festivals* f'Għawdex fix-xhur tax-xitwa.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd. Huma qed joffru li jekk il-Kunsill ikellu attività tal-massa, jarmaw *stand* sabiex jgħaddu informazzjoni fuq l-immaniġġjar tal-iskart lill-pubbliku. Waqt dawn it-tipi ta' attivitajiet jintwerew filmati edukattivi dwar l-immaniġġjar tal-iskart kif ukoll jitqassmu *leaflets*.

3.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA dokument tal-Management Planning & Implementation of Communication Measures for Terrestrial Natura 2000 sites. Epsilon-Adi Consortium - L-inħawi tax-Xlendi u tal-Wied tal-Kantra, Id-Dawra tas-Sanap sa tal-Ħajt.

3.10 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident fi Triq it-Torri, Ix-Xlendi sabiex issir bankina quddiem *block* ta' *flats* f'din it-triq. Huwa talab għal 73 pied kurduna. Din it-talba ġiet approvata.

3.11 Il-Kunsill irċieva talba mingħand residenta fi Triq ir-Ranċiż, Ix-Xlendi sabiex il-*parking bay* ta' quddiem il-proprjetà tagħha terġa' tinżebaħ bl-iswed. Din it-talba ġiet approvata u x-xogħol ser isir mill-Kuntrattur tal-Kunsill.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-MEPA rigward 'Utilisation of Urban Improvements Fund (UIF)'. Il-MEPA qed tinnota diversi *plots* miftuħa fiż-żona ta' żvilupp li huma ta' periklu. Għaldaqstant, il-MEPA ddeċidiet li 30% tal-fondi mhux użati *available* għal-lokalità jistgħu mill-10 ta' Mejju 2014 jintużaw mill-Enforcement Directorate sabiex jitwettqu Direct Action Initiatives relatati mat-tindif u għeluq tal-*plots* miftuħa fil-lokalità. Il-fondi utilizzati għal dan il-għan jiġu *refunded* lill-fond meta s-sid/okkupant tal-proprjetà jħallas id-Direct Action Fees dovuti.

Il-Kunsill ser japplika sabiex jitkompla l-passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi u sabiex jinbidel id-dawl tal-*Parking*.

3.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministeru għal Għawdex rigward numru ta' *information panels* li ser jitwaħħlu għal mixjiet li jsiru fil-kampanja li juru diversi fatturi karatteristiċi tal-post matul dawn il-mixjiet.

3.14 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assistent Uffiċjal Prinċipali dwar kors li għadha kemm temmet b'suċċess dwar Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti, li ġie organizzat mill-Università ta' Malta bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti. Dan il-kors, fost oħrajn, iqiegħed fl-istudenti bażi soda tar-regoli ortografiċi tal-Malti u jiksbu l-għodda li biha jkunu jistgħu jiktbu b'Malti tajjeb inkluż kif jaħdmu fuq test b'format elettroniku. F'ħafna mix-xogħol tal-Assistent Uffiċjal Prinċipali fil-Kunsill jintuża l-Malti u għalhekk hija tħoss li dan il-kors swielha ta' ħafna ġid. Peress li dan il-kors kollu jiswa €500, l-għalliema u l-organizzaturi kienu jħeġġu lill-istudenti sabiex jitolbu *sponsor* mingħand il-post tax-xogħol tagħhom minħabba li dan jitqies investiment fil-ħaddiem. Għaldaqstant, hija qiegħda tressaq din it-talba quddiem il-Kunsill sabiex jikkonsidra jagħtiha dan l-i*sponsor*.
Is-Segretarju Eżekuttiv irrakkomanda li tiġi rrifonduta €500 bil-kundizzjoni li tibqa' taħdem mal-Kunsill għal ħames snin. Jekk taħdem anqas tiġi mitluba *refund* ta' €100 għal kull sena. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 30/14(25_03_14).

**5.00 Sejħiet għall-offerti: MXR/003/2013 sa MXR/007/2013.**

5.01 Fil-laqgħa kien hawn preżenti l-Perit Steve Scicluna minn Foresight Architectural Services. Dan il-perit huwa wieħed minn dawk il-periti li tefgħu l-offerta għas-Servizz ta' Perit għal Proġetti tal-Kunsill MXR/003/2013. Huwa introduċa ruħu mal-membri tal-Kunsill u wieġeb għal xi mistoqsijiet li sarulu. Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Foresight Architectural Services peress li kienet l-orħos offerta.

**6.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.**

6.01 Il-laqgħa għal-lokalita' tal-Munxar saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu 2014, fil-5.00 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

F'din il-laqgħa kien hemm 2 persuni preżenti u min-naħa tal-Kunsill kien hemm is-Sur Joseph Sultana - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Saru dawn l-ilmenti / suġġerimenti:

Ilmentaw dwar is-sitwazzjoni ta' Triq Ta' Rinota peress li x-xogħol huwa wieqaf u ilu ħafna żmien li beda.
Ġie spjegat li x-xogħol waqaf għaliex ried isir xi xogħol fil-*main* tad-drenaġġ u dan ix-xogħol fil-*main* tad-drenaġġ dalwaqt ikun lest.

Sar ilment dwar il-ġbir ta' skart għax ġieli l-ħaddiema qed iħallu xi skart warajhom.

Staqsew ukoll dwar kemm suppost ser ikun għoli l-bini li se jinbena fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Ta' Rinota.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.35 ta' filgħaxija.

6.02 Il-laqgħa għal-lokalita' tax-Xlendi saret nhar it-Tnejn, 10 ta' Marzu 2014, fis-6.00 ta' filgħaxija fil-Lukanda St. Patrick's.

F'din il-laqgħa kien hemm 6 persuni preżenti flimkien mas-Sur Godwin Azzopardi – *Chairperson,* is-Sur Mark Anthony Busuttil – Viċi-*Chairperson,* is-Sur Michele Fenech Adami – Membru, is-Sur Joseph Sultana – Sindku u s-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Saru dawn l-ilmenti / suġġerimenti:

Residenta fi Triq il-Kavallieri lmentat dwar il-fatt li fit-triq tagħhom hemm xi proprjetajiet li jinkrew lit-turisti Maltin u qed jiġri li qabel jitilqu qed iħallu ħafna ħmieġ fit-triq. Talbet sabiex *bush* li kibret barra t-triq fi Triq Ras il-Bajjada għandha tinżabar għaliex qed toħloq periklu lil min ikun jimxi. Din il-persuna staqsiet dwar ix-xogħlijiet ta' Triq il-Kavallieri u ġiet infurmata li proprju llum il-kuntrattur ġie awtorizzat sabiex jibda x-xogħol fil-*main* tad-drenaġġ.

Issemma lment dwar trakkijiet li qed jipparkjaw fil-kantuniera ta' Triq Ta' Marżiena ma' Triq il-Profs. Ġużè Aquilina fil-Munxar u dwar *parking* ta' *buses* fi Triq il-Kantra. Issemma dwar *railing* li għadu ma sarx fil-Pjazzetta ta' Triq San Xmun u s-Sindku nfurmah li parti mir-*railing* ta' Triq il-Kantra li għadu f'kundizzjoni tajba se jiġi addattat għal dak il-post.

Sar ilment ukoll dwar *speed* eċċessiv ta' xi vetturi li jgħaddu minn Triq il-Qsajjem.

Persuna preżenti lmentat dwar *rubbish* li qed jinġema' madwar il-*bring in sites* tax-Xlendi. Il-ġimgħa d-dieħla l-Kumitat kien se jiltaqa' mal-Kuntrattur Green MT sabiex tiġi diskussa din il-problema u xi oħrajn.

Sar ilment dwar żgumbrament ta' tined fil-passaġġi pubbliċi tax-Xlendi partikolarment dwar tined quddiem is-C7, Churchill, Boathouse, Stone Crab u Ta' Karolina.

Persuna staqsiet dwar it-turġien li kienu saru minn quddiem il-lukanda Sant'Indrija għall-baħar. Ġiet infurmata li dan tneħħa għax-xitwa u ser jerġa' jitpoġġa fis-sajf.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

7.01 Ix-xogħol fi Triq il-Kantra huwa miexi u beda l-pavimentar u r-*railing*. Il-proġett ġie mmodifikat sabiex titnaqqas il-bankina u jiżdied il-*parking* għal karozzi. Parti mill-ħajt hija mikula bil-melħ u se tinbidel.

7.02 Ix-xogħlijiet ta' kisi ta' toroq permezz tal-PPP huwa miexi. Bħalissa l-Kuntrattur qed ibiddel il-*main* tad-drenaġġ ta' Triq il-Kavallieri. Uffiċjali tal-MEPA taw il-livelli ta' Triq ir-Rumani u issa l-Kuntrattur se jibda jagħti l-ewwel kisja. Fi Triq Ta' Rinota qed isir il-kommunikazzjoni tal-*main* tad-drenaġġ għat-toroq li ser isiru ġodda.

7.03 Ix-xogħol fil-Pjazza tal-Knisja huwa miexi u qed isir il-pavimentar tal-art tal-pjazza.

**8.00 Rapport tas-Sindku.**

8.01 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mar-Rappreżentanti tal-Green MT rigward il-*bring in sites* tax-Xlendi. Il-Green MT bidlu lill-Kuntrattur u issa suppost li l-problemi li kienu qed joħolqu dawn il-*bring in sites* jispiċċaw. Il-Green MT kien ser ikellem lis-sidien ta' stabbilimenti kummerċjali sabiex ma jużawx il-*bring in sites* iżda *bins* li hemm għalihom u li jissakkru.

8.02 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-Paying Office dwar il-miżuri 323 u 313. Il-Kunsill baqagħlu xaharejn żmien sabiex jutilizza l-bqija tal-fondi.

8.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fil-laqgħa tas-Sindki ġie diskuss dwar il-proposta tal-MEPA li tista' tonfoq sa 30% mill-fondi tal-UIF li jkunu allokati għall-Kunsill. Din il-proposta ma hijiex se tiġi attwata.

8.04 Is-Sindku ta rendikont dwar il-viżita uffiċjali organizzata mir-Reġjun Għawdex bil-kollaborazzjoni tal-Gozo Business Chamber, il-Maltese Consulate in Emilia Romagna u l-International Office tar-Reġjun t'Emilia Romagna. Il-Kunsill se jirċievi r-rapport ta' din il-mawra fil-ġranet li ġejjin.

**9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

9.01 Issa li z-zuntier tlesta mill-pavimentar, il-Kunsill irid jixtri l-lampi li se jitwaħħlu fl-art. Dan ix-xiri jrid isir urġenti peress li fl-art taz-zuntier hemm it-toqob bil-lest u huma perikolużi. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li jgħid lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd. sabiex joħroġ *specification* u jinġabru tliet stimi.

9.02 Il-Kunsill għandu bżonn li jagħmel *patching* urġenti bil-*cold asphalt* minħabba li hawn xi ftit toqob li huma perikolużi. Ġie deċiż li jinxtraw il-boroż tal-*cold asphalt* u jissewwew it-toqob l-aktar perikolużi.

9.03 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-knis ta' toroq fix-Xlendi ser jibda mill-15 ta' April 2014.

**10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

10.01 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-*bus shelter* li l-Kunsill talab biex isir quddiem l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina minħabba li għadu ma sarx. Il-Kunsill kien se jiċċekkja ma' Transport Malta.

Is-Sinjura Carmen Said issuġġeriet li l-Kunsill jibgħat ittra lill-istabbilimenti kummerċjali tax-Xlendi dwar l-iskart u ta' kif suppost li jiddisponu minnu.

10.02 Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar bini ta' ħitan tas-sejjieħ fi Triq Żgħawri, dwar il-*bus shelter* għal quddiem l-entratura ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u żbir ta' palm fi Triq l-Isqawi.

10.03 Is-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb biex sqaq fi Triq Ta' Marżiena li jagħti għall-għelieqi jitnaddaf mill-ħaxix ħażin.

10.04 Is-Sur Ryan Debrincat talab lill-Kunsill biex jibda jieħu ħsieb għar-reklamar tal-kompetizzjoni tar-*records*. Is-Sindku infurmah li jrid isir *poster* għax din l-attività hija marbuta mal-Eku mill-Munxar… *dari u llum* - Ġimgħa għall-Familja.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill sabiex jistabbilixxi ġurnata tentattiva sabiex isiru l-intervisti għal post ta' skivan. Ġie deċiż li dawn l-intervisti jsiru fl-10 ta' April 2014.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 30 ta' April 2014, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***